**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Kumpilazzjoni Nru. 368/1996**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Elliot Magro)**

**vs**

**Patrick Pellegrini**

**Paul Grima**

**Tony Caruana**

**Illum, 10 t' Ottubru, 2018**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

"***Patrick Pellegrini*** *37 sena bin Lawrence u Carmela nee' Micallef imwieled St Venera fi 7 ta' Frar, 1958 u joqgħod Zerniq Triq il-Brunzar St Venera ID 109758(M).*

***Paul Grima*** *31 sena bin Tony u Lucy nee' mhux magħruf imwieled Valletta fi 27 ta' Frar 1964 u joqgħod Tonlou 22 Regional Road St Venera ID 146664(M).*

***Tony Caruana*** *30 sena bin Joseph u Gaetana nee' mhux magħruf imwieled Ħamrun u joqgħod Famage Buildings Flat 8 St Vincent Street Ħamrun ID 456565(M)."*

Akkuzati talli:

*"fi 26 ta' Diċembru, 1995 għal ħabta ta' 7.30pm ġo St Venera attakkajtu jew għamiltu resistenza bi vjolenza jew b'ħebb fuq persuni inkariġati skond il-liġi min sevizz pubbliku (2) għidtu kliem faħxi li jikkonsisti f'dagħa fil-pubbliku (3) volontarjament ksirtu il-bon ordni u l-paċi pubbliku b'għajjat u ġlied (4) kontu fis-sakra u ma kontux kapaċi tieħdu ħsieb tagħkom infuskom (5) u aktar int Patrick Pellegrini insulentajt lil PS 1283 C. Costa, persuna inkarigata skond il-liġi min servizz pubbliku (6) iccalingjajt lil PS 1283 C. Costa għal ġlied (7) u aktar ħeddidt lil imsemmi PS 1283."*

Il-Qorti,

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat illi fis-seduta tal-11 ta' Lulju 2018, il-Prosekuzzjoni rrimettiet ruhha ghall-atti.

Rat illi fl-istess seduta l-imputati talbu zmien sabiex jipprezentaw nota ta' sottomissjonijiet finali.

Rat illi minkejja t-terminu lilhom koncess li ilu li skada mill-ahhar ta' Lulju 2018, l-imputati ma prezentaw l-ebda nota ta' sottomissjonijiet.

Rat illi f'dik is-seduta l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza l-imputati kollha huma akkuzati talli:

(1) *"fi 26 ta' Diċembru, 1995 għal ħabta ta' 7.30pm ġo St Venera attakkajtu jew għamiltu resistenza bi vjolenza jew b'ħebb fuq persuni inkariġati skond il-liġi min sevizz pubbliku;*

(2) *għidtu kliem faħxi li jikkonsisti f'dagħa fil-*pubbliku;

(3) *volontarjament ksirtu il-bon ordni u l-paċi pubbliku b'għajjat u ġlied;*

(4) *kontu fis-sakra u ma kontux kapaċi tieħdu ħsieb tagħkom infuskom;"*

U l-imputat Patrick Pellegrini wahdu huwa akkuzat ukoll talli:

"(5) *u aktar int Patrick Pellegrini insulentajt lil PS 1283 C. Costa, persuna inkarigata skond il-liġi min servizz pubbliku;*

(6) *iccalingjajt lil PS 1283 C. Costa għal ġlied;*

(7) *u aktar ħeddidt lil imsemmi PS 1283."*

**Fatti:**

Jirrizulta li sehh incident bejn zewg vetturi fi Triq il-Kbira, San Guzepp, Santa Venera u l-Pulizija marru fuq il-post sabiex jinvestigaw tali kollizjoni u jaghmlu x-xoghol solitu relatat ma' kollizjoni. Waqt li PS

1283 Costa kien qed jiehu l-verzjoni ta' wiehed mix-xufiera dahal fin-nofs l-imputat Pellegrini li beda jargumenta ma' Mallia dwar il-hsarat. PS 1283 ordnalu biex jersaq l'hemm izda dan baqa' jargumenta, wissieh li se jarrestah izda dan baqa' hemmhekk u PS 1283 qabdu minn idejh u nizzlu lejn il-karozza tal-Pulizija. Tfaccaw iz-zewg imputati l-ohra li hadu lil Pellegrini minn idejn is-Surgent u ma hallewx jersaq lejh. L-imputat Caruana zamm lis-Surgent milli jersaq lejn Pellegrini filwaqt illi l-imputat Grima beda jidghi u hadlu l-karti minn idejh, rema l-file tas-Surgent fl-art u qattaghlu l-karti. Is-Surgent nizel lejn Triq San Guzepp, filwaqt li Pellegrini beda jghajjar lill-Pulizija "pufta u beda wkoll jghajjar lis-Supretendent Mifsud li ma kienx fuq il-post". Din il-verzjoni tal-fatti ma giet kontradetta minn hadd.

**Provi:**

Illi l-provi mressqa quddiem il-Qorti huma x-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni u cioe' PS 1283 Carmelo Costa a folio 16 sa 19 tal-process, PC 1254 Louis Spiteri a folio 20 sa 21 tal-process u PC 867 a folio 22 sa 29 tal-process, ghajr id-dokumenti li jinsabu in atti. Minn naha tal-imputati ma tressqu l-ebda provi. Dan qed jinghad biss bhala akkont tal-provi li ghandha tezamina din il-Qorti u ghall-ebda raguni ohra.

**Kunsiderazzjonijiet:**

Illi jirrizulta li PS 1283 kien fuq xoghlu jaghmel dmirijietu wara li sehhet kollizjoni. Waqt li kien qed jaqdi d-doveri tieghu ndahal l-ewwel l-imputat Pellegrini li beda jargumenta ma' Mallia izda dan ma waqafx hemm u spicca arrestat minn PS1283. Hawn hekk intervenew iz-zewg imputati l-ohra li attakkaw lis-Surgent, hadulu lill-imputat Pellegrini

minn idejh, u fost tghajjir, dagha u kliem hazin hebbew ghall-istess PS 1283 filwaqt illi l-imputat Grima hadlu l-file u sahansitra qattaghlu l-karti u rema l-istess file ma' l-art. Filwaqt illi l-imputat Caruana zamm lis-Surgent milli jerga' jersaq lejn l-imputat Pellegrini.

PS 1283 jghid: *"Dak il-hin jiena qbadt lil imputat Pellegrini minn idejh u nizziltu l-isfel lejn Triq San Guzepp fejn kien hemm ipparkjatat il-karozza taghna. Tfaccaw iz-zewg imputati l-ohra u dawn hadu lil Pellegrini min idejja u ma hallewnix nersaq lejh. Nghid li l-imputat Caruana zamm biex ahna ma nersqux lejn Pellegrini, cioe' dana zammni biex ma nersaqx lejn Pellegrini. Waqt li l-imputat Grima beda jidghi u wkoll hadli xi karti minn idejja u rmieli l-file tieghi fl-art u huwa qattaghli mill-karti li kelli. Dawn kienu karti vojta li ahna nuzaw bhala rough paper. Jiena imbaghad imxejt lejn Strada San Guzepp fejn lill-imputat Patrick Pellegrini beda jghajjarna lilna l-Pulizija u beda jghajjarna pufta u beda wkoll jghajjar lis-Supp. Mifsud li ma kienx fuq il-post. Beda jghidli li illi issa m'hemmx cans li ssaawwatna imbaghad ahna ghajjatna ghal ghajnuna u waslet mobile u arrestajna lit-tlett imputati gewwa l-kazin tal-futbol Santa Venera."*.

PC 1254 jghid a folio 20-21 tal-process: "*Jiena imbaghad rajt argument bejn is-Surgent Costa u l-imputat Pellegrini. Jiena smajt lill-imputat Pellegrini jghid lis-Surgent Costa li qallu issa mhux zmien li ssawwat in-nies...*".

PC 867 jghid a folio 22-23 tal-process: *"...u smajt argument mas-Surgent. Jiena hrabt nigri biex nara xi gralu s-Surgent. Is-Surgent baqa' jikteb fejn kien. Innutajt grupp ta' nies ta' tlieta, erba', li kienu fuq il-bankina li bdew jghidu lis-Surgent m'ghadux dak iz-zmien li lilna*

*ssawwatna. Bdew jaghmlu gesti fis-sens li jaqtghu idejh u smajthom jidghu...*".

Illi ghalhekk l-ewwel, it-tieni u t-tielet akkuza fil-konfront tal-imputati kollha jinsabu pruvati.

Hadd mix-xhieda imressqa mill-prosekuzzjoni ma semma li l-imputati kienu fis-sakra u ghalhekk ma hemm l-ebda prova dwar ir-raba' akkuza u konsegwentament it-tlett imputati qeghdin jigu liberati minnha.

Illi fir-rigward tal-hames akkuza din hija indirizzata biss lill-imputat Patrick Pellegrini. Illi mill-istess xhieda ta' PS 1283 jirrizulta li Pellegrini nsulenta lis-Surgent bi kliem bhal "pufta" u tghajjir indirizzat lejn il-Pulizija in generali inkluz is-Supretendent Mifsud li lanqas biss kien fuq il-post. Illi mix-xhieda ta' PC 1254 u PC 867 jirrizulta wkoll li l-istess imputat kellu argument ma' PS 1283 li mbaghad dahlu fih l-imputati l-ohra, kif spjegat aktar 'il fuq.

Illi ghalhekk din il-hames akkuza fil-konfront tal-imputat Pellegrini tinsab pruvata.

Illi fir-rigward tas-sitt akkuza ma ngabet l-ebda prova li Pellegrini ccalingja lil PS 1283 ghal glied u ghalhekk din l-akkuza ma tinsabx pruvata u konsegwentament l-imputat Pellegrini qed jigi lliberat minn tali akkuza.

Illi fir-rigward tas-seba' akkuza ma ngabet l-ebda prova dwar kliem ta' theddid u ghalhekk din l-akkuza ma tinsabx pruvata u konsegwentament l-imputat Pellegrini qed jigi liberat minn tali akkuza.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 95, 96 , 338(bb), 338(dd) u 338(ff) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputati Paul Grima u Tony Caruana hatja ta' l-ewwel, it-tieni u t-tielet akkuza u tikkundannahom kumplessivament multa kull wiehed fl-ammont ta' hamest elef Ewro kull wiehed (€5,000) u tikkundannahom disa' xhur prigunerija kull wiehed li bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal zmien sentejn mil-lum, u ma ssibx lill-istess imputati hatja tar-raba' akkuza u konsegwentament tilliberahom minn tali akkuza; U issib lill-imputat Patrick Pellegrini hati tal-ewwel, tat-tieni, tat-tielet u tal-hames akkuza u tikkundannah kumplessivament multa fl-ammont ta' hamest elef Ewro (€5,000) u tikkundannah disa' xhur prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal zmien sentejn mil-lum, filwaqt li ma ssibx lill-istess imputat hati tar-raba', tas-sitt u s-seba' akkuza u konsegwentament tilliberah mill-istess.

Il-Qorti spjegat fi kliem car lill-imputati l-import ta' din is-sentenza.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur